

Brussell, 8 ta' Marzu 2018
(OR. en)

6756/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0053 (NLE)

PECHE 66

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Marzu 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 119 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 119 final.

Mehmuż: COM(2018) 119 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.3.2018
COM(2018) 119 final

2018/0053 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Normalment, dawn l-opportunitajiet tas-sajd jiġu emendati diversi drabi waqt il-perjodu li matulu jkunu fis-seħħ.

- **Il-konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

Il-miżuri proposti huma mfassla skont l-għanijiet u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-obbligi tal-Unjoni għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jirriżultaw mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku l-ġdid tal-PKS.

- **Is-sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Il-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja: il-PKS hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat, l-adozzjoni ta' miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd hija r-responsabbiltà tal-Kunsill.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Regolament.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet ex-post/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta tqis ir-rispons mill-partijiet ikkonċernati, il-Kunsilli Konsultattivi, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tas-sajjieda u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi**

Il-proposta hija bbażata fuq il-parir xjentifiku tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd huwa ċirkoskritt bl-Artikolu 43(3) tat-Trattat.

- **L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri proposti mhu se jkollhom l-ebda implikazzjoni għall-baġit.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emendi proposti għandhom l-għan li jimmodifikaw ir-Regolament (UE) 2018/120 kif deskritt hawn taħt.

Iċ-ċiċċirell huwa speċi b'ħajja qasira u l-parir xjentifiku jkun disponibbli fit-tieni nofs ta' Frar, filwaqt li s-sajd jibda diġà f'April. Fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 il-limiti tal-qabda totali permissibbli (it-TAC) ġew stabbiliti għal zero. Għaldaqstant, jenħtieġ li dawn jiġu emendati f'konformità mal-aħħar parir xjentifiku tal-ICES.

Fl-2017, l-ICES fil-parir tiegħu u skontil-limitu stabbilit għall-2016, emenda ż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell. Xi wħud minn dawn iż-żoni ta' ġestjoni riveduti ma jikkoinċidux mal-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar tat-Tramuntana. Iż-żona ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell 3r prinċipalment tinsab fl-ilmijiet Norveġiżi, madankollu parti minnha tinsab ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni, b'xi banek tas-sajd importanti transżonali bejn iż-żoni ta' ġestjoni 2r u 3r. Il-parir tal-ICES tal-2018 jindika li, bħala medja, 8 % tal-qabdiet fiż-żona ta' ġestjoni 3r jinqabdu fl-ilmijiet tal-UE. Abbażi ta' dan huwa stabbilit TAC għall-ilmijiet tal-UE taż-żona ta' ġestjoni 3r.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120¹ jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.
- (2) Fir-Regolament (UE) 2018/120, il-qabda totali permissibbli (it-TAC) għaċ-ċiċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a u fis-subżona ICES 4, kienet stabbilita għal zero. Iċ-ċiċirell huwa speċi b'ħajja qasira u l-parir xjentifiku rilevanti jkun disponibbli fit-tieni nofs ta' Frar, filwaqt li s-sajd jibda diġà f'April.
- (3) Jenħtieġ li l-limiti ta' qbid għaċ-ċiċirell fid-diviżjonijiet ICES 2a u 3a u fis-subżona ICES 4 issa jiġu emendati f'konformità mal-aħħar parir xjentifiku mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), maħruġ fit-[23 ta' Frar 2018].
- (4) Għas-sajd taċ-ċiċirell, id-diviżjonijiet ICES 2a u 3a u s-subżona ICES 4 huma maqsuma f'żoni ta' ġestjoni, abbażi ta' parir xjentifiku. Iż-żona ta' ġestjoni 3r tinsab prinċipalment fl-ilmijiet Norveġiżi. Madankollu, din tinkludi wkoll l-ilmijiet tal-Unjoni u xi banek tas-sajd importanti transżonali bejn iż-żoni ta' ġestjoni 2r u 3r. Il-parir tal-ICES jindika li, bħala medja, 8 % tal-qabdiet fiż-żona ta' ġestjoni 3r jinqabdu f'ilmijiet tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-limiti ta' qbid fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona ta' ġestjoni 3r jiġu stabbiliti skont dak il-parir.
- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 2018/120 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolament (UE) 2018/120 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2018. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet introdotti minn dan ir-Regolament emendatorju dwar il-limiti tal-qbid japplikaw ukoll minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipji taċ-ċertezza legali u għall-protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti,

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠU L 27, 31.1.2018, p. 1).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IA tar-Regolament (UE) 2018/120 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*